# FIL-MEWT TA' MONS. E. DANDRIA

Intemmet ħajjtek: ħajja biss medhija
Fil-ħidma bla mistrieħ għal Art Twelidek,
Bħal omm imnikkta qalbha bl-hemm mimlija
Għadha tixtieqek, fi ħdanha għadha tridek.

Hi l-għaxqa tagħha lemħet fik, tarbija,
U bla ma beżgħet telqet rajha f'idek,
B'għerf mhux ta' ħlieq, ma t'Artek il-foħrija
Kattart u żidt il-ġiħ tal-Ħallieq, Sidek.

Għal dawn biss ħdimt, f'dawn biss kienu moħlija
Il-ward ta' saħtek, l-għaraq ta' fuq ġbinek;
Xejn ma ħsibt fik, qatt ma ħassejt tbatija
Biex taqdi is-sejħat t'Artek u ta' Dinek.

Issa inti mort: u baqgħet biss tifkirtek,
Tfewwaħ bil-ħlewwa kull fejn għaddiet triqtek.

Birkirkara 5,7,32.

CARM. VELLA